**MALTA**
**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR SIMONE GRECH LL.D.**

**Seduta tat-13 ta' Frar 2019**

**Il-Pulizija**
**vs**
**Henri Darmanin**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet imressqa fil-konfront ta' Henri Darmanin, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 347669M fejn gie akkuzat li:

"*...talli fis-06 ta' Mejju 2017 ghall-habta ta' 21:30 hrs fi Triq D' Argens Gzira soqt il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni KBQ 858;*

1. *Jew ippruvajt issuq jew kellek kontroll tal-vettura nru KBQ 858 fi triq jew f' post pubbliku meta ma kontx f' kundizzjoni li ssuq minhabba xorb jew drogi;*
2. *U aktar talli ppruvajt issuq jew kellek kontroll tal-vettura fit-triq jew f' post pubbliku wara li kkunsmajt tant alcohol li l-proporzjon tieghek fin-nifs, fid-demm jew fl-urina kien izjed mil-Limitu preskritt;*
3. *U aktar talli rrifjutajt jew inqast milli taghti skond il-ligi kampjun tan-nifs jew kampjun ta' l-urina;*
4. *U aktar talli fl-istess data, fi Triq Ganni Bencini, Sliema b' nuqqas ta' hsieb u bi traskuragni jew b' nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b' nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, hbatt ma' vettura nru NIT 193 w involontarjament ikkagunjat hsarat ghad-dannu ta' Anita Bartolo;*
5. *U aktar talli fl-istess data ghall-habta ta' 22:00hrs soqt l-imsemmija vettura b' manjiera perikoluza;*
6. *U aktar talli soqt l-imsemmija vettura b' manjiera traskurata;*

7. *U inqast li tobdi minnufih kull ordni, indikazzjoni jew sinjal moghti jew maghmul mill-pulizija jew minn gwardjan lokali, waqt li kont qed issuq jew kellek fil-kontroll tieghek vettura bil-mutur.*
   *Il-Prosekuzzjoni titlob li tigi skwalifikata mill-licenzji kollha tieghek tas-sewqan."*

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet ix-xhieda.

Semghet trattazzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat;**

Dwar l-**ewwel imputazzjoni**, l-artikolu 15A tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta'Malta jaqra:

> *(1) Ebda persuna ma ghandha ssuq jew tipprova ssuq jew ikollha l-kontroll ta' vettura bil-mutur jew vettura ohra li tkun fit-triq jew f'post pubbliku iehor jekk ma tkunx f'kundizzjoni li ssuq minhabba xorb jew drogi.*
> *(2) Ghall-finijiet ta' dan l-artikolu, persuna titqies li m'hijiex f'kundizzjoni li ssuq jekk il-kapacita taghha li ssuq sew tkun ghal xi hin imnaqqsa.*

Illi allura jehtieg lill-prosekuzzjoni, sabiex tinstab htija skond dan l-artikolu, tipprova illi l-kapacita` tas-sewwieq kienet effettivament imnaqqsa u li s-sewwieq ma kienx f' kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi.

Mill-provi migbura jirrizulta li PC 144 sostna fl-affidavit tieghu illi sid il-vettura NIT 193 kienet gibdet l-attenzjoni li l-imputat kellu riha qawwija ta' alkohol. PC 144 imkien ma jghid bil-gurament tieghu li huwa xamm tali riha qawwija ta' alkohol meta kien fil-prezenza ta' l-imputat. Waqt ix-xhieda moghtija viva voce mis-sid il-vettura NIT 193 u mix-xhud David Camilleri li kien xhud okulari dwar dak li sehh fi Triq Ganni Bencini Sliema, ma giex imsemmi illi l-imputat kellu riha ta' xorb fuqu.

In oltre, kif intqal diversi drabi mill-Qrati nostrana, riha ta' xorb mhijiex prova li l-imputat ma kienx f' kondizzjoni li jsuq. Il-Qorti tal-Appell Kriminali tat-30 ta' Novembru, 2009, f'sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Keith Aquilina' tghid hekk:

*Biex din l-akkuza tissustissi, li jrid jigi ppruvat illi l-imputat Keith Aquilina ma kienx f'kondizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi. Il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju illi meta gie mwaqqaf minn PC 1391 Ian Grech fid-19 ta' Marzu 2009, ghall-habta ta' 6.25 p.m., l-imputat kien xurban, izda jekk minhabba f'hekk ma kienx f'kondizzjoni li jsuq hija xi haga ohra illi kellha tigi ppruvata.*

*Bir-rispett din il-Qorti ma tahsibx illi din il-grad ta' prova gie milqugh minkejja l-komportament tal-imputat fil-konfront tal-Pulizija illi beda jiehu l-"particulars" u anki meta kien id-Depot b'daqshekk ma fissirx illi ma kienx f'kondizzjoni li jsuq. Naturalment kulhadd huwa responsabbli ta' ghemilu w jekk l-imputat ma gabx ruhu sew fil-konfront tal-Pulizija w kiser xi kontravenzjoni f'dan is-sens allura jrid iwiegeb ghal dan kif fil-fatt gara. Pero' ma jistax iwiegeb ghallakkuza illi ma tirrizultax sodisfacentement ippruvat fi grad li trid il-Ligi.*

*Ir-"reading" tar-"road side test" wahdu mhuwiex bizzejjed biex il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni dwar il-htija dwar ir-raba' akkuza, w dan l-ahhar din il-Qorti kellha okkazzjoni biex tippronuncja ruhha f'dan ir-rigward f'kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Jan Spiteri deciza fit-22 t'Ottubru, 2009 u wasslet ghall-konkluzzjoni illi l-fatt li l-appellant kellu riha qawwija ta' xorb mhiex prova illi hu ma kienx f'kondizzjoni li jsuq. Din id-decizzjoni ghal min mhuwiex intiz fil-Ligi tista' tidher stramba peress illi bniedem xurban ma jistax ikollu l-kontroll shih tal-vettura. Pero' dina hija assunzjoni illi ma tistax treggi fil-kamp kriminali fejn il-provi huma kollox u jridu jwasslu sal-grad ta' htija minghajr dubju dettat mir-raguni w sakemm il-Ligi tibqa' kif inhi, din il Qorti thoss illi ghandha jsegwi l-insenjament ta' decizjonijiet precedenti in materia."*

Ghladaqstant, din l-ewwel imputazzjoni ma gietx ippruvata lil hinn minn kull dubbju ragjonevoli.

Dwar **<u>it-tieni imputazzjoni,</u>** din tirrigwarda dak stipulate fl-artikolu 15B (1) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid:

"*Ebda persuna m'għandha ssuq, tipprova ssuq jewtkun fil-kontroll ta' vettura bil-mutur jew vettura oħra fit-triq jewf'post pubbliku ieħor wara li tkun ikkunsmat tant alkoħol li l-proporzjon tiegħu fin-nifs, fid-demm jew fl-urina jkun iżjed mil-limitu preskritt."*

Dwar din l-imputazzjoni, il-Qorti taghmel referenza ghal dak li qalet il-Qorti ta' l-Appell Kriminali fit-8 ta' Gunju 2007 fid-decizjoni fl-ismijiet Il-Pulizija v. Andrew Falzon fejn intqal:

*"L-imputazzjoni hija redatta b'mod li tindika li r-reat ipotizzat huwa dak kontemplat fl-Artikolu 15B tal-Kap. 65. Ghall-integrazzjoni ta' dan ir-reat, li hu marbut ma' livell partikolari ta' alkohol fin-nifs, fid-demm jew fl-urina, iridu jsiru t-testijiet skond ma jipprovdi l-Artikolu 15E. Fil-kaz in dizamina, minhabba ragunijiet mhux imputabbli lill-appellant, dan ma sarx: meta ttiehed it-tieni kampjun fil-Ghssa tar-Rabat, l-apparat ma ta ebda reading. Pero`, kif gie osservat fis-sentenza ta' din il-Qorti tat-23 ta' April 2004 fl-ismijiet Il-Pulizija v. Anthony Muscat, ir-reat kontemplat fl-Artikolu 15A(1)2 tal-imsemmi Kap. 65 huwa kompriz u involut f'dak kontemplat flArtikolu 15B. Filwaqt li fil-kaz tal-Artikolu 15B ir-reat, kif inghad, hu marbut ma' livell partikolari ta' alkohol – fis-sens li appena jinqabez dak il-limitu hemm il-presunzjoni juris et de jure li dak li jkun ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb – fil-kaz tal-Artikolu 15A(1) il-legislatur ma ppreskriva ebda livell partikolari ta' alkohol fis-sistema tas-sewwieq, b'mod li anke b'livell anqas minn dak "preskritt" tista' tinstab htija taht dan l-artikolu jekk oggettivament ikun jirrizulta li s-sewwieq ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb (jew drogi)."*

Fil-kaz odjern, ma sar l-ebda test fin-nifs, fid-demm jew fl-urina sabiex jigi ppruvat li l-livell ta' l-alkohol kien izjed mil-limitu preskritt.

Ghaldaqstant, lanqas din it-tieni imputazzjoni ma giet ippruvata mill-Prosekuzzjoni.

Rigward it**-tielet imputazzjoni,** l-imputat gie akkuzat li rrifjuta jew naqas milli jaghti skond il-ligi kampjun tan-nifs jew kampjun ta' l-urina. L-artikolu 15E (4) tal-Kap 65 jistipola li:

*Persuna li tirrifjuta jew tonqos milli tagħti kampjun meħtieġ hekk kif stabbilit taħt dan l-artikolu jew ir-regolamenti magħmula taħt din l-Ordinanza tkun ħatja ta' reat u sakemm majiġix ppruvat il-kuntrarju, titqies li l-proporzjon ta' alkoħol fid-demm ta' dik il-persuna ikun iżjed mil-limitu preskritt:*
*Iżda tkun difiża għal dik il-persuna jekk tipprova li n-nuqqas tagħha li tagħti kampjun kien minħabba l-inkapaċità fiżikajew mentali li tagħtih jew għaliex l-għoti tiegħu kien jagħti lok għalriskju sostanzjali għal saħħitha*

Dwar din l-imputazzjoni, id-difiza sostniet illi fil-mument li fih l-imputat irrifjuta li jissottoponu ruhu ghal *breathalyzer*, kien hemm l-obbligu li jinghata l-*caution* rekwizita kif ukoll jigi spjegat lilu x' konsegwenza ggib mieghu tali rifjut.

Il-Qorti taghmel referenza ghal dak li ntqal fil-kawza deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-9 ta' Frar 2001 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Marlon Montebello fejn inghadd:

> *"Kwantu ghall-hekk imsejjha "caution", din it-twissija (cioe` t-twissija li n-nuqqas jew rifjut li wiehed jaghti kampjun tan-nifs hu reat) hi mehtiega biss sabiex il-pulizija tkun tista' tarresta lil minn hekk jonqos milli jaghti il-kampjun ghat-test tan-nifs (mhux ghall-analizi), u dan skond l-Artikolu 15D(b); ghall-finijiet tar-reat kontemplat fl-Artikolu 15E(4) ebda twissija ma hi mehtiega (ara Il-Pulizija v. Emanuel Camilleri, App. Krim., 30 ta' April, 1999, u Il-Pulizija v. Anthony Cutajar, App. Krim., 2 ta' Settembru, 1999)."*

Fid-decizjoni moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fit-23 ta' Jannar, 2014 fl-ismijiet Il-Pulizija (Spt. Tony Cachia) Vs Mark Scicluna ntqal :

> *"L-appellant argument illi l-Pulizija ma tawhx it-twissija qabel ma ttiehed il-breathalyzer test. L-appellant huwa akkuzat b'delitt u mhux kontravenzzjoni u dan 'l ghaliex ilhsarat, minkejja li kien involontarji, kienu jaccedu l-€50 allura dejjem kien imissu nghata t-twissija u gie mgharraf bid-drittijiet tieghu. Quindi, dak kollu li sar minghajr it-twissija huwa kollu null inkluz it-test tal-breathalyzer.....*
>
> *Ikkunsidrat.*
>
> *Ghal dak li jirrigwarda t-twissija, din il-Qorti ma taqbel xejn ma' l-appellant. Jibda biex jinghad illi t-twissija formali ghandha tinghata biss meta l-persuna tkun taht arrest. Ghal dak li jirrigwarda "roadside interviews", il-persuna ma tkunx taht arrest u l-Pulizija tkun qeghdha prezenti biss biex tistabbilixxi l-fatti u tiehu l-verzjoni tal-partijiet involuti fl-incident. Fl-ebda hin dawn il-partijiet ma jkunu that arrest, ghad illi ovvjament jekk ma jikkooperawx malPulizija jistghu jinstabu hatja ta' affarijiet ohra, bhal li naqsu illi jaghu l-particulars lil Pulizija, izda mhux ta' harba minn arrest. Madankollu, minkejja illi d-dikjarazzjonijiet maghmluha minn persuna waqt "roadside interview" m'ghandiex ghalfejn tkun soggetta ghal twissija minn naha tal-Pulizija li jkun qed jinvestiga l-incident, dikjarazzjoni tali jridu jittiehdu b'certu kawtela u jrid isir ezercizzju biex jigi*

*determinat kemm hija soda l-prova migjuba mill-Pulizija f'dawk ic-cirkostanzi.*

*Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghal kawza deciza mill-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet Umani fil-kawza, flismijiet Aleksander Zaichenko vs Russia deciza fit-18 ta' Frar ta' l-2010 (Case number 39660/02) fejn fost affarijiet ohra l-Qorti qalet "In some, the evidence available to the Court supports the claim that the applicants pre trial admission, whether directly self incriminating or not, was used in the proceedings in a manner which sought to incriminate him. In the Court's view, statements obtained in the absence of procedural guarantees, should be treated with caution (Lutsenko vs Ukraine, number 30663/04 18th December 2008). Hence, what remains to be determined is whether the criminal proceedings against the applicant, can be considered fair on account of the use made of the applicants' pre trial admission. Regard must be had to whether the rights of the defence had been respected and whether the applicant was given the opportunity of challenging the authenticity of the evidence and of opposing its use. In addition, the quality of the evidence must be taken into consideration, including whether the circumstances in which it was obtained casted out on a its liability or accuracy."*

*Dan huwa l-kriterju li l-Qorti ghandha tuza' f'dan il-kaz u jkun assurd li kull darba li lPulizija tikkonduci "road side interview" toqghod tesigi lil dak li jkun icempel lil avukat sabiex jigi fuq il-post sakemm isir dan l-interview. Kif ga inghad, la l-persuna ma tkunx taht arrest, quindi ma ghandux id-dritt li jkollu mieghu avukat dak il-hin, pero d-dikjarazzjonijiet moghtija minn dik il-persuna, ghandhom jittiehdu b'certa kawtela mehud in konsiderazzjoni dak li ghadu kif inghad fil-kawza "Aleksander Zaichenko vs Russia". F'dan il-kaz ma hemmx dubju li x-xhieda tal-Pulizja hija wara veritjera u soda u l-Qorti tista' toqghod fuqha. Barra minnhekk, iddrittijiet tad-difiza gew irrispettati u l-appellant nghata lopportunita' sabiex jikkuntesta l-awtenticita tal-provi migjuba u sabiex jopponija. Il-Qorti ghandha tieghu ukoll in konsiderazzjoni l-kwalita' tal-prova, inkluz ic-cirkostanzi li nghatat setghatx titfa' xi dubju fuq l-ezattezza taghha.*

*Ghalhekk din il-Qorti jidrilha li l-argument ta' l-ewwel Qorti, fejn qalet li kieku nghata dan id-dritt u jekk l-imputat cempel lil avukat, dan l-avukat kien jghidlu l-istess haga kif fil-fatt qallu s-Surgent, ma jaghmilx sens legali. Dan huwa argument ipotetiku illi fil-kamp kriminali ma jistax jintuza' pero irrizulta li qabel ma' l-appellant gie*

*mgieghel jiehu l-breathalyzer test, gie moghti t-twissija necessarja billi gie mgharraf bid-drittijiet tieghu kollha inkluz il-konsegwenzi jekk huwa jirrifjuta illi jaghmel dan it-test.*

*Ghalhekk din il-Qorti jidrilha li f'dan il-kaz il-Pulizija mxiet skond il-Ligi, t-test ittiehed b'mod regolari u r-rizultat tieghu jista' jittiehed bhala prova fil-konfront ta' l-appellant."*

F' dan il-kaz, skont il-kontenut ta' l-affidavit ta' PC 144, l-imputat gie arrestat u mmannetjat kif ukoll ittiehed l-ghassa ta' Sliema. Ghalhekk, f' dan l-istadju l-imputat kien gia' gie arrestat. Kien jinkombi fuq il-prosekuzzjoni li tressaq prova lil hinn minn kull dubbju ragjonevoli li l-imputat gie infurmat bid-drittijiet tieghu inkluz jigi mwissi u spjegat lilu l-konsegwenzi jekk huwa jirrifjuta li jaghmel dan it-test.

Huwa minnu li fl-affidavit ta' PC 144 jirrizulta li s-surgent 928 wissa lill-imputat li jekk ma jsirx dan it-test huwa jkun qieghed jammetti li qieghed taht l-effett tax-xorb. Madanakollu, il-Prosekuzzjoni ma ressqitx prova dwar dan stante li s-surgent 928 ma tressaqx bhala xhud.

Ghaldaqstant, din il-Qorti sejra wkoll tillibera lill-imputat minn din l-akkuza.

Rigward ir-**raba' imputazzjoni,** ossija dik ta' hsara involontarja fil-vettura ghad-dannu ta' Anita Bartolo, din spjegat fix-xhieda taghha li l-assigurazzjoni taghha kopriet l-istess hsara u li hija ma ghandiex interess f' din il-kawza. Ghaldaqstant, il-procediment jinsab ezawrit stante tali dikjarazzjoni.

Rigward il-**hames u sitt imputazzjonijiet,** l-imputat qed jigi akkuzat li saq b' manjiera perikoluza u traskurata. Fit-trattazzjoni, id-difiza rreferiet ghal dak li sehh fi Triq Ganni Bencini, Sliema, izda dawn iz-zewg imputazzjonijiet jirreferu ghal dak li sehh fi Triq D' Argens, Gzira ghall-habta ta' 22:00hrs.

Mill-affidavit ta' PC 144 jirrizulta, li waqt li kien ghaddej minn Triq Rue D' Argens, Gzira, lemah vettura KBQ 858 ta' kulur abjad "*ghaddej fi direzzjoni opposta fejn dan baqa' hiereg minn fuq it-traffic lights li kienu homor, jien xeghelt id-dwal blue u soqt ghal warajh fejn dan ma wera l-ebda sinjal li dan se jieqaf."*

Għal dik li hija dottrina dwar is-sewqan, din il-Qorti qed tirriferi b'mod estensiv għal dak li qalet il-Qorit ta' l-Appell fis-sentenza 'Il-Pulizija versus Noel Gauci' tal-25 ta' Marzu, 2004:

*‘Illi ġie ritenut minn din il-Qorti li jekk sewqan hux (1) negligenti ; jew (2) bla kont jew (3) perikoluż hija kwistjoni ta’ “degree” (App. Krim. Pol. vs. Charles Bartolo , 14.3.59; Pul vs. Wilson , [Vol. XXXIX , p.1018]; Pul. vs. Alfred Vella ,[ Vol. XLIV, p. 933 u oħrajn]) u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta’ tagħhom – l-agħar is-sewqan perioluż (App. Krim. Pol. vs. Hardingham ,[ 19.10.63] ) . Illi ukoll gie ritenut li biex jintegra ruhu ir-reat ta’ sewqan perikoluz hemm bzonn ta’ certu grad ta’ “recklessness” (App. Krim. Pol. vs. Charles Farrugia , [Vol. XXXIX , iv. p.1018] ) . “Recklessness” ġiet definite bħala “wilfully shutting one’s eye” (App.Krim. “Pul vs. Joseph Aqulina” [ 20.4.63] ) Sewqan negliġenti jfisser nuqqas ta’ prudenza ordinarja li wieħed għandu jadopera biex jevita is-sinistri stradali (App.Krim. Pul. vs. Antonio Spiteri ,[ Vol. XLIV. iv . p.892]…………..”*

Illi fis-sentenza Il-Pulizija vs Renald Vella (Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali; Deciza 19.05.2014) kien deciz:

*Il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza moghtija nhar is-sitta ta' Mejju, 1997 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Alfred Mifsud, iddefiniet bl-aktar mod semplici w ezawrenti l-import tat-terminu 'sewqan traskurat’ komunement maghruf bl-ingliz bhala 'negligent driving'. Dik il-Qorti sostniet li dan jammonta ghall-kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragjonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola l-ksur ta' regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita’ ta' sewqan ta' dak li jkun jammonta ukoll ghal sewqan traskurat.*

*L-Imhallef Flores fis-sentenza moghtija nhar it-tmienja ta' Mejju, 1971 fl-ismijiet Il-Pulizija vs John Mamo, ukoll ta definizzjoni ta' sewqan traskurat. Huwa sostna li:*

*"Ir-reat ta' sewqan traskurat huwa reat ta' perikolu u hu intiz biex jigu prevenuti disgrazzji fit-toroq bl-uzu ta' karozzi b'manjiera riskjuza minghajr ma tittiehed dik il-prekawzjoni li c-cirkostanzi tal-mument jissugerixxu regola fondamentali biex jigu evitati incidenti stradali. Hija l-prudenza li timplika li ma jittiehdux riskji zejda bla bzonn."*

Fl-istess sentenza gja citata (Il-Pulizija vs Alfred Mifsud) (Deciza 06.05.1997 per Onor. Imhallef Dr. Vincent DeGaetano), il-Qorti tal-Appell Kriminali enuncjat it-

tifsiriet li ghandhom jinghataw lil kull tip ta' sewqan li jiddipartixxi minn sewqan proprju:

> *"Sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola l-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun jammonta ukoll ghal sewqan traskurat.*
>
> *Sewqan bla kont [reckless driving] hu deskritt fis-subartikolu [2] tal-imsemmi Artikolu 15, bhala 'sewqan bi traskuragni kbira'. Din it-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira, u tinkludi l-kazijiet 'fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandhux jiehu minhabba l-probabbilita' ta' hsara li tista tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji'.*
>
> *Sewqan perikoluz [dangerous driving] jirrikjedi li fil-kaz partikolari, is-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghall-proprjeta' taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kien hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin w il-lokalita' tal-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel. Naturalment, sewqan f'kaz partikolari jista' jaqa' taht tnejn jew aktar minn dawn it-tlett forom ta' sewqan, f'liema kaz, japplikaw id-disposizzjonijiet tal-ligi u d-dottrina in materja ta' konkors ta' reati. Ai finijiet ta' piena, il-legislatur pogga s-sewqan bla kont u s-sewqan perikoluz fl-istess keffa. Ir-reat ta' sewqan traskurat hu kompriz u nvolut f'dak ta' sewqan bla kont u f'dawk ta' sewqan perikoluz." (vide Il-Pulizija vs Charlotte Chamberlain, deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa u ghoxrin ta' Mejju, 1950) ……."*

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fid-decizjoni taghha fl-ismijiet Il-Pulizija vs Robert Brincat (Dec 22.11.2007 per Onor Imhallef Dr. Joseph Galea Debono) ezaminat l-obbligi tas-sewwieq:

> *"Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta, jekk sewqan hux (i) negligenti ; jew (ii) bla kont jew (iii) perikoluz hi kwistjoni ta' "Degree". (App.Krim. Pul. vs. Charles Bartolo 14.3.59 ; Pul. vs. Wilson, Vol. XXXIX p. 1018 u Pul. vs. Alfred Vella, Vol. XLIV*

*; p. 933) u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta' taghhom (App. Krim. Pul. vs. Hardingham , 19.10.1963) . Gie ukoll ritenut li biex jintegra ruhu ir-reat ta' sewqan perikoluz , hemm bzonn ta' certu grad ta' recklessness" (App. Krim. Pul. vs. Charles Farrugia XXXIX p. 1018.) "Recklessness" giet defenita bhala "wilfully shutting one's eye ".(App. Krim. Pul. vs. Joseph Aquilina , 20.4.1963). Invece sewqan negligenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita is-sinistri stradali (App. Krim. Pul.vs. Antonio Spiteri , Vol. XLIV , p.892)*

*Illi gie ukoll ritenut fl-Appell Kriminali : "The Police vs. Gunner Brian Wilson" [7.5.1955] li :- "It is not easy to formulate in words the difference between dangerous driving and negligent driving. There are cases which are on the face of them glaring instances of dangerous driving. Other cases are absolutely cases of negligence. It is the borderline cases that require consideration in the light of the difference between negligent and careless driving on the one hand and dangerous driving on the other and where the difficulty arises. It is safe to say that the difficulty is a question of degree, which is in the sense that dangerous driving implies something more serious than mere careless driving." (ara ukoll f' dan is-sens: App. Krim. "Il-Pulizija vs. Manwel Mallia" [9.3.1959] u "Il-Pulizija vs. Charles Bartolo " [14.3.1959] (Kollez. Vol. XLIII p. 1001 u p. 1016 , rispettivament)*

*Umbaghad fl-Appell Kriminali : "Il-Pulizija vs. Giuseppe Galdes" ( [3.5.1953] Kollez. Vol. XXXVII iv. p.1108) gie ritenut li ;- "sabiex ikun hemm il-perikolu hemm bzonn li jkun hemm xi haga aktar mis-semplici vjolazzjoni ta' normi regolamentari ."*

*"Biex jintegra ruhu r-reat ta' sewqan perikoluz jehtieg mod ta' sewqan li juri certu grad ta' recklessness u nonkuranza tali li jigi krejat perikolu u mhux bizzejjed li fil-kaz partikolari kien hemm potenzjalita' ta' perikolu." (ara. App. Krim. "Il-Pulizija vs. Charles Farrugia" [5.3.1955] Vol.XXXIX, iv. p.978)*

*Insomma kif gie ritenut fl-appelli kriminali ta' Mallia u Bartolo fuq citati "kriterju facli bejn sewqan negligenti w sewqan perikoluz ma hux facli li jigi stabilit, kif lanqas wiehed ma jista' jaghti definizzjoni preciza ta' sewqan perikoluz. Il-kwistjoni hija kollha wahda ta' "degree" u kull kaz ghandu l-fattispecji tieghu."*

Il-Qorti tqies li fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, irrizulta li dan baqa' hiereg fuq it-traffic lights meta kienu fuq il-kulur ahmar u per konsegwenza, kien qed isuq b' mod perikoluz tant li l-pulizija kellhom jixeghlu id-dwal blu u jsuqu ghal warajh.

Madanakollu l-Qorti ma tirravizax li gie ppruvat li s-sewqan kien wiehed perikoluz izda kien sewqan traskurat, stante li s-sewqan ta' l-imputat fi Triq D' Argens, Gzira kien jiddipartixxi mil-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Kif intqal, bhala regola l-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun jammonta sewqan traskurat.

Rigward is-**<u>sitt imputazzjoni</u>**, l-imputat huwa akkuzat li naqas li jobdi minnufih kull ordni, indikazzjoni jew sinjal moghti jew maghmul mill-pulizija jew minn gwardjan lokali waqt li kien qed isuq jew kellu fil-kontroll tieghu vettura bil-mutur. Dan b' referenza wkoll ghal dak li allegatament sehh fi Triq D' Argens, Gzira.

Irrizulta mill-affidavit ta' PC 144, illi meta fi Triq D' Argens, Gzira, il-vettura ta' l-imputat baqghet ghaddejja fuq it-traffic lights ahmar, PC 144 xeghel id-dawl blu u saq ghal wara l-imputat li skont l-istess PC 144 ma wera l-ebda sinjal li ser jieqaf. L-istess PC 144 kompla jghid fl-affidavit tieghu illi l-imputat beda jnaqqas u qisu beda jinduna li hemm xi hadd warajh meta dahlu go triq San Gorg, Gzira. L-akkuza tirrigwarda dak li sehh fi Triq D' Argens Gzira u ghalhekk, mix-xhieda ta' PC 144 jirrizulta li l-imputat meta kien f' din it-triq kien ghadu ma ndunax li kien qed jigi segwit mill-pulizija u li ghalhekk kellu jieqaf bil-vettura tieghu.

Din il-Qorti ma tqisx li din l-imputazzjoni hekk kif imnizzla giet ippruvata.

Ghaldaqstant, din il-Qorti qed issib htija fl-imputat ghal dak li jirrigwarda s-sitt imputazzjoni biss.

**Decide**

**Ghaldaqstant, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 15 (1) (a), 15 (2) u 15(3), 15A(1), 15B(1) u 15E (4) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 124(1) tal-legislazzjoni sussidjarja 65.11, ma ssibx lil Henri Darmanin hati ta' l-ewwel, it-tieni, it-tielet, il-hames u s-seba' imputazzjoni; tiddeciedi li l-procediment huwa ezawrit ghal dak li ghandhu x' jaqsam mar-raba' imputazzjoni; u ssib lil Henri Darmanin hati tas-sitt imputazzjoni filwaqt li tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' tlett mitt Ewro (EUR 300). In oltre, ai termini ta'l-artikolu 15(3) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta, tiskwalifika lill-**

**hati milli jkollu jew jikseb licenzja tas-sewqan ghal zmien disat ijiem li jibdew jiddekorru minn nofs il-lejl tal-lum.**

| | |
|---|---|
| **Dr Simone Grech LL.D.** | **Karen Falzon** |
| **Magistrat** | **Deputat Registratur** |